

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-2 ta' Mejju 2007 — Giraudy vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-23/05) ⁽¹⁾

(Uffiċjali — Appell — Rikors għall-ħlas ta' danni — Investigazzjoni mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) — Applikazzjoni għida — Regolament (KE) Nru 1073/1999 — Deċiżjoni 1999/396/KE, KEFA, Euratom — Tort — Ħsara — Marda professjonali — Kunsiderazzjoni tas-servizzi stabbiliti mill-Artikolu 73 ta' l-Istatut)

(2007/C 129/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean-Louis Giraudy (Pariġi, Franza) (rappreżentant: D. Voillemot, avocat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Curral u G. Berscheid, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Servizz Pubbliku — Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tirrikonoxxi r-responsabbiltà tad-dipartimenti tagħha u d-dannu li r-rikorrent allegatament bata fil-kuntest ta' investigazzjoni mmexxija mill-OLAF fis-sede tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fi Franza u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni bl-interessi.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tħallas lil J. Giraudy l-ammont ta' EUR 15,000 bħala danni u interessi għall-ħsara morali li huwa bata, minħabba vjolazzjoni tar-reputazzjoni u l-unur tiegħu.
- 2) Il-bqija tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess, kif ukoll żewġ terzi mill-ispejjeż sostnuti minn J. Giraudy.
- 4) J. Giraudy għandu jbati terz mill-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 171 tad-9.7.2005, p. 29 (kawża inizjalment imressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-169/05 u ttrasferita quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea b'digriet tal-15.12.2005).

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-3 ta' Mejju 2007 — Bracke vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-123/05) ⁽¹⁾

(Uffiċjali — Kompetizzjonijiet — Kompetizzjoni interna — Kriterji ta' ammissjoni — Avviż ta' kompetizzjoni — Kriterju relatat ma' l-anzjanità fis-servizz — Persunal temporanju — Artikolu 27 ta' l-Istatut — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Prinċipju ta' non diskriminazzjoni)

(2007/C 129/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean-Marc Bracke (Etterbreeck, il-Belġju) (rappreżentant: P. Bruwier, avocat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u L. Lozano Palacios)

Suġġett tal-Kawża

Minn naħa, l-inapplicabbiltà, skond l-Artikolu 241 KE, tal-punt III.1 ta' l-avviż ta' kompetizzjoni COM/PC/04 minħabba ksur tal-prinċipju ta' non diskriminazzjoni, u min-naħa l-oħra, l-annullament tad-deċiżjoni ta' l-AIPN li tiċħad ir-reklutaġġ tar-rikorrent, kif ukoll ta' l-atti adottati bħala riżultat ta' din id-deċiżjoni, minħabba li hija tikser l-Artikolu 27 ta' l-Istatut, il-prinċipju ta' non diskriminazzjoni, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, il-prinċipju ta' indipendenza tal-bord, il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi u minħabba li hija tibbaża ruħha fuq dispożizzjoni illegali tal-kompetizzjoni.

Dispożittiv tad-digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 60 of 11.3.2006, p. 53.